

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-House of Lords fil-5 ta' Awwissu 2008 — Aventis Pasteur SA vs OB
(by his mother and litigation friend) (FC)**

(Kawża C-358/08)

(2008/C 260/19)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Qorti tar-rinvju

House of Lords

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Aventis Pasteur SA

Konvenut: OB

Domandi preliminari

Huwa konformi mad-Direttiva Ewropea dwar ir-responsabbiltà tal-prodott (!) li l-ligġijiet ta' Stat Membru jippermettu s-sostituzjoni minn konvenut ġdid ftalba mressqa taħt id-direttiva wara li l-perijodu ta' 10 snin għall-infurzar tad-drittijiet taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva jkun skada fċirkustanzi fejn l-unika persuna li tkun magħżula bħala konvenut fil-kawża matul il-perjodu ta' 10 snin kienet xi ħadd li ma taqax taħt l-Artikolu 3 tad-Direttiva?

(!) Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-ligġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar responabbiltà għall-prodotti difettużi ĠU L 210, p. 29.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal de première instance d'Arlon (Il-Belġju) fis-7 ta' Awwissu 2008
— Marc Vandermeir vs L-Istat Belġjan — SPF Finances**

(Kawża C-364/08)

(2008/C 260/20)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Qorti tar-rinvju

Tribunal de première instance d'Arlon

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Marc Vandermeir

Konvenut: L-Istat Belġjan — SPF Finances

Domanda preliminari

L-Artikoli 43 u/jew 49 jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru partikolari, bħal dik inkwistjoni, li teħtieġ li ħaddiem li jaħdem għal rasu li jirrisjedi f'dan l-Istat Membru jirregista l-vettura tiegħu hemmhekk, għalkemm huwa jeżerċita l-attività professionali tiegħu kważi eskużiżiav f'idha. Ieħor minn stabbiliment fiss li huwa jipposse di hemmhekk, u dan meta din il-vettura la hija intiżza sabiex tiġi użata essenzjalment fl-ewwel Stat Membru fuq bażi permanenti u lanqas, fil-fatt, mhija użata b'dan il-mod?

Rikors ippreżzentat fil-11 ta' Awwissu 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

(Kawża C-367/08)

(2008/C 260/21)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: N. Yerrell, aġġent)

Konvenuti: Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Talbiet tal-parti rikorrenti

- tikkonstata li, billi m'adottax il-ligġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijet amministrattivi neċċesarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2006/22/KE (!) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006, dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implementazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE, jew f'kull każ, billi ma kkommunikax tali dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Renju Unit naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 16 ta' din id-direttiva.
- tikkundanna lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għall-ispejjeż.

It-terminu li fih id-direttiva kellha tiġi trasposta skada fl-1 ta' April 2007.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu li fih id-direttiva kellha tiġi trasposta skada fl-1 ta' April 2007.

(!) ĠU L 102, p. 35.